Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/2056(INI)

14.5.2025

ABBOZZ TA’ RAPPORT

dwar l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq is-settur finanzjarju
(2025/2056(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Arba Kokalari

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 9

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM 10

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-impatt tal-intelliġenza artifiċjali fuq is-settur finanzjarju
(2025/2056(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-9 ta' April 2025 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni għal Kontinent tal-IA" (COM(2025)0165),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-25 ta' Frar 2025 tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) bit-titolu "Artificial intelligence in EU investment funds: adoption, strategies and portfolio exposures" (L-Intelliġenza Artifiċjali fil-fondi ta' investiment tal-UE: adozzjoni, strateġiji u skoperturi tal-portafoll),

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni pubblika tat-30 ta' Mejju 2024 mill-ESMA dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) fil-forniment ta' servizzi ta' investiment bl-imnut,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-10 ta' Frar 2025 tal-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA) bit-titolu "Impact Assessment of EIOPA's Opinion on AI governance and risk management" (Valutazzjoni tal-Impatt tal-Opinjoni tal-EIOPA dwar il-governanza tal-IA u l-ġestjoni tar-riskju),

– wara li kkunsidra r-rapport tat-30 ta' April 2024 tal-EIOPA bit-titolu "Report on the digitalisation of the European insurance sector" (Rapport dwar id-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-assigurazzjoni Ewropew),

– wara li kkunsidra r-rapport tad-29 ta' Novembru 2024 tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) bit-titolu "Risk Assessment Questionnaire (RAQ) – Autumn 2024" (Il-Kwestjonarju dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji – Ħarifa 2024),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-4 ta' Awwissu 2023 tal-EBA bit-titolu "Machine learning for internal rating-based models" (Tagħlim awtomatiku għal mudelli interni bbażati fuq klassifikazzjonijiet),

– wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tas-7 ta' Mejju 2024 mill-Bank Ċentrali Ewropew bit-titolu "The rise of artificial intelligence: benefits and risks for financial stability" (Iż-żieda fl-intelliġenza artifiċjali: il-benefiċċji u r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja),

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-15 ta' Diċembru 2023 tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi bit-titolu "Generative Artificial Intelligence in finance" (L-Intelliġenza Artifiċjali Ġenerattiva fil-Qasam Finanzjarju)),

– wara li kkunsidra r-rapport tat-12 ta' Diċembru 2024 tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali bit-titolu "Regulating AI in the financial sector: recent developments and main challenges" (Ir-Regolamentazzjoni tal-IA fis-settur finanzjarju: żviluppi reċenti u sfidi ewlenin),

– wara li kkunsidra r-rapport tat-13 ta' Ġunju 2024 tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali bit-titolu "Intelligent financial system: how AI is transforming finance" (Sistema finanzjarja intelliġenti: kif l-IA qed tittrasforma l-finanzi),

– wara li kkunsidra r-rapport tad-19 ta' Diċembru 2024 tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli lill-G7 bit-titolu "Artificial Intelligence and Economic and Financial Policy Making" (L-Intelliġenza Artifiċjali u t-Tfassil tal-Politika Ekonomika u Finanzjarja),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-14 ta' Novembru 2024 tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja bit-titolu "The Financial Stability Implications of Artificial Intelligence" (L-Implikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq l-Istabbiltà Finanzjarja),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu[1],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1689 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 300/2008, (UE) Nru 167/2013, (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1139 u (UE) 2019/2144 u d-Direttivi 2014/90/UE, (UE) 2016/797 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali)[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)[4],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 dwar id-distribuzzjoni tal-assigurazzjoni[5],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012[6],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE[7],

---

[1] ĠU L, 2024/1624, 19.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1624/oj.
[2] ĠU L, 2024/1689, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1689/oj.
[3] ĠU L 333, 27.12.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2554/oj.
[4] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj.
[5] ĠU L 26, 2.2.2016, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/97/oj.
[6] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj.
[7] ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj.

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012[8],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE[9],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010[10],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II)[11],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS)[12],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Mejju 2022 dwar l-intelliġenza artifiċjali f'era diġitali[13],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0000/2025),

A. billi l-Att tal-UE dwar l-Intelliġenza Artifiċjali jintroduċi l-ewwel qafas regolatorju komprensiv għall-intelliġenza artifiċjali (IA) fid-dinja;

B. billi l-Att dwar l-IA jiddefinixxi żewġ każijiet ta' użu b'riskju għoli għas-settur tas-servizzi finanzjarji, jiġifieri l-użu ta' sistemi tal-IA għall-evalwazzjoni ta' kreditu tal-konsumaturi u għall-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja u l-użu tagħhom għall-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ipprezzar tal-assigurazzjoni tal-ħajja u tas-saħħa;

C. billi sistema tal-IA hija definita fl-Att dwar l-IA bħala sistema bbażata fuq magna li hija mfassla biex topera b'livelli differenti ta' awtonomija u li tista' turi adattabbiltà wara l-implimentazzjoni, u li, għal objettivi espliċiti jew impliċiti, tinferixxi, mill-input li tirċievi, kif tiġġenera outputs bħal previżjonijiet, kontenut, rakkomandazzjonijiet jew deċiżjonijiet li jistgħu jinfluwenzaw ambjenti fiżiċi jew virtwali;

[8] ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj.
[9] ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj.
[10] ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/61/oj.
[11] ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/138/oj.
[12] ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/65/oj.
[13] ĠU C 465, 6.12.2022, p. 65.

D. billi s-sistemi użati biex itejbu l-ottimizzazzjoni matematika jew biex jaċċelleraw u japprossimaw metodi ta' ottimizzazzjoni tradizzjonali u stabbiliti, bħal metodi ta' rigressjoni lineari jew loġistika, jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' sistema tal-IA;

L-Istat tal-adozzjoni tal-IA fis-servizzi finanzjarji

1. Jinnota l-adozzjoni wiesgħa u diversa tal-IA fis-settur tas-servizzi finanzjarji tal-UE, hekk kif it-tagħlim awtomatiku ilu jintuża u l-IA ġenerattiva qed tiġi applikata dejjem aktar bħala għodda ta' appoġġ; jisħaq li l-maġġoranza tal-każijiet ta' użu tal-IA għandhom l-għan li jissimplifikaw il-proċessi tal-back-office bil-biċċa l-kbira tal-applikazzjonijiet jirrappreżentaw miri li jistgħu jintlaħqu faċilment aktar milli innovazzjoni ta' riskju għoli u għadd limitat biss jikkostitwixxi każijiet ta' użu li jinteraġixxu mal-klijenti bl-ebda każ awtopilota[14];

2. Jenfasizza li l-użu tal-IA fis-servizzi finanzjarji jista' jġib miegħu benefiċċji soċjetali, inklużi l-identifikazzjoni tal-frodi, il-kontrolli kontra l-ħasil tal-flus, l-appoġġ għall-klijenti, il-monitoraġġ tat-tranżazzjonijiet, l-iskrinjar tas-sanzjonijiet, it-trattament tat-talbiet, il-pariri finanzjarji personalizzati, il-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu, l-assistenza għall-konformità regolatorja, l-on-boarding tal-klijenti u l-verifika tal-identità, is-sorveljanza tas-suq u l-monitoraġġ tal-abbuż tas-suq;

3. Jinnota li r-riskji ewlenin marbuta mal-użu tal-IA fis-servizzi finanzjarji joriġinaw mill-kwalità, il-preċiżjoni u r-rappreżentattività tad-data li fuqha jiġu mħarrġa l-mudelli, u mill-ħtieġa li tiġi żgurata governanza robusta tad-data, jiġu evitati eżiti diskriminatorji kif ukoll preġudizzji sistemiċi; josserva l-isfidi relatati mal-vulnerabbiltajiet taċ-ċibersigurtà u mal-ispjegabbiltà tas-sistemi tal-IA;

4. Jifhem li l-istituzzjonijiet finanzjarji adottaw approċċ prudenti u gradwali għall-iżvilupp u l-użu ta' sistemi tal-IA, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni trażversali u settorjali eżistenti; jissottolinja li dan l-approċċ prudenti jista' jkun xprunat ukoll minn domanda mhux murija tal-klijenti, aspettattivi tal-klijenti li qed jevolvu u kunsiderazzjonijiet ta' riskju;

5. Jinnota d-dipendenza tal-atturi finanzjarji tal-UE fuq fornituri tat-teknoloġija ta' pajjiżi terzi għas-software u l-għodod tal-IA, li tista' twassal għal riskju ta' konċentrazzjoni u tnaqqas is-setgħa ta' negozjar tal-istituzzjonijiet finanzjarji meta jinnegozjaw jew jimmodifikaw termini kuntrattwali għas-servizzi tal-IA; jenfasizza li l-kumpaniji tal-UE jridu jkunu jistgħu jużaw l-infrastruttura eżistenti tal-cloud għall-iżvilupp u l-użu tal-IA; jappoġġja, madankollu, l-inizjattivi tal-UE biex tingħata spinta lill-IA u lill-iżvilupp tal-cloud;

Xenarju regolatorju għall-IA fis-servizzi finanzjarji

6. Jisħaq li s-settur tas-servizzi finanzjarji huwa regolat ħafna, soġġett għal diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni settorjali kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE, li jirrikjedi li

[14] Il-Kwestjonarju tal-EBA dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji tal-Ħarifa 2024; Ir-rapport tal-EIOPA dwar id-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-assigurazzjoni Ewropew; Ir-rapport tal-ESMA dwar l-intelliġenza artifiċjali fil-fondi ta' investiment tal-UE.

l-atturi jimmaniġġjaw ir-riskji f'varjetà ta' oqsma inklużi l-protezzjoni tad-data, l-ittraċċar tad-data, il-kwalità tad-data, il-governanza tad-data, ir-reżiljenza operazzjonali, l-esternalizzazzjoni, ir-riskju tal-mudell, l-eżiti diskriminatorji, u r-riskju tas-suq u dak ta' kreditu, li flimkien jiffurmaw il-qafas għall-użu u l-governanza tal-IA fis-settur tas-servizzi finanzjarji[15];

7. Jesprimi tħassib dwar it-trikkib regolatorju u l-inċertezzi legali bejn l-Att dwar l-IA u l-leġiżlazzjoni settorjali;

8. Ifakkar li l-Att dwar l-IA jippermetti derogi limitati għall-istituzzjonijiet finanzjarji fejn jeżistu rekwiżiti ekwivalenti skont il-liġi tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji; jesprimi tħassib dwar in-nuqqas ta' gwida suffiċjenti dwar l-interpretazzjoni ta' dawn it-trikkib u l-interazzjonijiet regolatorji; iwissi kontra l-adozzjoni ta' approċċ massimalist għall-interpretazzjoni tal-Att dwar l-IA, li jkompli jagħmel il-konformità kumplikata għall-istituzzjonijiet finanzjarji; jirrikonoxxi l-isfida li tirriżulta mill-fatt li l-aġenziji superviżorji għandhom interpretazzjonijiet u aspettattivi legali differenti f'termini tal-applikazzjoni tal-acquis, li jirriżultaw fi frammentazzjoni tas-suq uniku;

9. Jesprimi tħassib li l-GDPR u r-rekwiżiti tiegħu dwar il-minimizzazzjoni tad-data, il-limitazzjoni tal-iskop, il-kunsens tal-klijent, u l-ipproċessar tad-data personali mill-istituzzjonijiet finanzjarji jimponu limitazzjonijiet għall-użu tal-IA fis-servizzi finanzjarji;

Rakkomandazzjonijiet biex jiġi żgurat l-użu responsabbli tal-IA fis-servizzi finanzjarji

10. Jiddispjaċih li l-UE għadha lura f'termini ta' innovazzjoni u investiment fl-IA; jemmen li s-settur tas-servizzi finanzjarji, bħala is-settur li jonfoq l-aktar fuq is-servizzi u l-prodotti tal-ICT, għandu l-potenzjal li jaġixxi bħala katalist fil-mobilizzazzjoni tal-investiment privat fl-IA;

11. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura ċarezza u gwida dwar kif ir-regolamenti eżistenti dwar is-servizzi finanzjarji japplikaw għall-użu tal-IA fis-servizzi finanzjarji; iqis li tali gwida għandu jkollha l-għan li tippermetti l-użu tal-IA fis-settur tas-servizzi finanzjarji; jitlob definizzjonijiet konsistenti u s-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju biex jiġu evitati rekwiżiti duplikati, inklużi rekwiżiti ta' rapportar tal-valutazzjoni tar-riskju;

12. Iwissi kontra l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni settorjali ġdida biex tirregola l-IA fis-servizzi finanzjarji, peress li diġà hemm regoli settorjali stabbiliti li jkopru l-użu tal-IA; jemmen li dan joħloq saffi addizzjonali ta' kumplessità u inċertezza u fl-aħħar mill-aħħar iċaħħad lis-settur mill-benefiċċji tal-użu tal-IA; jirrakkomanda bil-qawwa lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkoordinaw biex tiġi evitata regolamentazzjoni żejda tal-leġiżlazzjoni rilevanti u biex jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakli ġodda fis-swieq transfruntiera;

[15] Eżempji notevoli ta' leġiżlazzjoni settorjali rilevanti jinkludu r-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital, id-Direttiva dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital, id-Direttiva Solvenza II, id-Direttiva dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni, ir-Regolament dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji, id-Direttiva dwar is-Swieq tal-Istrumenti Finanzjarji, l-Att dwar ir-Reżiljenza Operazzjonali Diġitali, id-Direttiva dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u d-Direttiva UCITS, kif ukoll il-linji gwida u l-istandards tekniċi regolatorji ta' akkumpanjament mill-Aġenziji Superviżorji Ewropej.

13. Jistieden lill-awtoritajiet superviżorji Ewropej u nazzjonali jappoġġjaw l-adozzjoni tal-IA billi jippromwovu interpretazzjonijiet konsistenti u jevitaw applikazzjoni stretta żżejjed tar-regolamenti eżistenti; jemmen li n-nuqqas ta' appoġġ għall-adozzjoni tal-IA jirriskja li jċaħħad lis-settur tas-servizzi finanzjarji mill-benefiċċji tal-IA; jenfasizza li l-attitudni u l-approċċ tas-superviżuri huma importanti daqs ir-regoli nfushom; jirrakkomanda li l-isforzi superviżorji jipprijoritizzaw riskji operazzjonali tanġibbli, fejn dawn huma identifikati, aktar milli tħassib astratt jew teoretiku;

14. Jemmen li bidliet sinifikanti fl-użu tal-IA se jirrikjedu ħiliet u talent xierqa, meta jitqies li l-użu tal-IA huwa dipendenti fuq il-kapaċitajiet umani; jappoġġja l-miżuri tal-industrija biex jittejbu l-fehim u l-użu responsabbli tat-teknoloġija tal-IA fis-settur; jitlob aktar ċarezza fir-rigward tar-rekwiżiti tal-Att dwar l-IA għall-istituzzjonijiet finanzjarji biex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-litteriżmu fl-IA;

°

° °

15. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-rapport jeżamina l-użu u l-impatt tal-IA fis-settur tas-servizzi finanzjarji u fix-xenarju regolatorju. Ir-rapporteur tipprovdi rakkomandazzjonijiet ta' politika biex tippermetti l-użu tal-IA fis-servizzi finanzjarji u tiċċara t-trikkib regolatorju. Ir-rapport jindirizza aspetti speċifiċi għas-settur tas-servizzi finanzjarji u ma jkoprix kwistjonijiet li huma kompetenza ta' Kumitati oħra.

Ir-rapporteur temmen li huwa kruċjali li d-dibattitu politiku dwar l-IA fis-servizzi finanzjarji jkun ibbażat fuq ir-realtà u ffukat fuq kwistjonijiet tanġibbli u plawżibbli. Għandu jittieħed kont debitu tal-qafas legali eżistenti u r-realtajiet prattiċi tal-użu tat-teknoloġija fis-servizzi finanzjarji, aktar milli jiġu spekulati kwistjonijiet astratti jew teoretiċi.

Għalhekk, ir-rapport jibda billi janalizza l-użu tal-IA fis-settur. Huwa jinnota li l-maġġoranza tal-każijiet ta' użu tal-IA għandhom l-għan li jnaqqsu l-kostijiet billi jissimplifikaw l-operazzjonijiet, aktar milli joħolqu flussi ġodda ta' dħul. Il-biċċa l-kbira tal-każijiet ta' użu jirrappreżentaw miri li faċilment jintlaħqu aktar milli innovazzjoni b'riskju għoli, li jfisser li huwa ċar li l-użu tal-IA fil-finanzi kien prudenti. Għadna 'l bogħod milli nesperjenzaw sistema finanzjarja mmexxija, jew dipendenti ħafna fuq, mudelli awtonomi u awtopilota tal-IA li thedded l-istabbiltà finanzjarja u l-interessi tal-konsumaturi.

Ir-realtà turi l-kuntrarju: is-settur huwa regolat ħafna, u tant titqies ir-responsabbiltà fiduċjarja tal-istituzzjonijiet finanzjarji, li l-parti l-kbira tal-każijiet ta' użu huma kemm ta' riskju baxx kif ukoll jinvolvu l-espert uman. Madankollu, it-tixrid u l-adozzjoni tat-teknoloġiji tal-IA fis-settur tas-servizzi finanzjarji għandhom potenzjal sinifikanti. Dan mhux biss jista' jtejjeb l-effiċjenza tas-settur, itejjeb is-servizzi tal-konsumatur, u jsaħħaħ il-kompetittività tad-ditti Ewropej, iżda jista' jappoġġja wkoll il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-identifikazzjoni tal-frodi aktar effettivi.

Dan ma jfissirx li l-użu tal-IA fis-servizzi finanzjarji huwa mingħajr riskji. Il-kwistjoni tal-kwalità tad-data, l-ispjegabbiltà u t-trasparenza tal-IA hija sfida f'dan il-qasam bħal f'oħrajn. Madankollu, is-settur tas-servizzi finanzjarji, bil-bosta direttivi u regolamenti dettaljati tiegħu, jinsab f'pożizzjoni tajba biex jindirizza dawn ir-riskji. L-istituzzjonijiet finanzjarji, kemm jekk ikunu banek, impriżi tal-assigurazzjoni jew maniġers tal-assi, huma meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-servizzi finanzjarji li jkollhom fis-seħħ sistemi għall-kwalità tad-data, l-ittraċċar tad-data, il-governanza tad-data, ir-reżiljenza operazzjonali, l-esternalizzazzjoni, ir-riskju tal-mudell, ir-riskji ta' konċentrazzjoni, l-eżiti diskriminatorji, u aktar, u dan b'hekk jipprovdi qafas għall-implimentazzjoni u l-governanza tal-IA. Hekk kif ikompli l-użu tal-IA fil-finanzi, se jkun kruċjali li dawn ir-riskji jkomplu jiġu mmonitorjati u li l-esperti tal-finanzi jiġu pprovduti b'riżorsi, taħriġ u litteriżmu fl-IA.

L-alternattiva hija li jittieħed approċċ restrittiv għall-użu tal-IA fis-settur tal-finanzi, b'leġiżlazzjoni ġdida frott il-biża' mill-effetti mhux magħrufa, jew minħabba li huwa komdu li s-sitwazzjoni tibqa' kif inhi. Politika bħal din iċċaħħad lis-settur tas-servizzi finanzjarji mill-opportunità li juża l-IA. Dan fl-aħħar mill-aħħar idgħajjef il-kompetittività tas-settur, il-kwalità tas-servizzi offruti, u l-benefiċċji mogħtija lill-konsumaturi. Dan ikollu wkoll impatt negattiv fuq l-investiment fit-teknoloġiji tal-IA, meta jitqies li s-settur tas-servizzi finanzjarji huwa s-settur li jonfoq l-aktar fuq is-servizzi u l-prodotti tal-ICT. Rotta bħal din ma għandhiex tiġi kkunsidrata fil-kuntest tat-tellieqa globali għall-IA, ir-realtajiet ġeopolitiċi qawwija li jirfduha, u l-fatt li l-UE diġà għadha lura.

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li rċeviet kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-abbozz ta' rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Associazione Bancaria Italiana
L'Autorité de contrôle prudentiel et de résolution (ACPR), Banque de France
BlackRock
Bundesverband deutscher Banken e.V.
Danske Bank A/S
Deutsche Bank AG
European Banking Authority (EBA)
European Banking Federation
European Commission (DG FISMA)
European Fund and Asset Management Association (EFAMA)
European Insurance and Occupational Pensions Agency (EIOPA)
European Securities and Markets Authority (ESMA)
Eurofinas
Febelfin
Fédération bancaire française
Finance Denmark
Finance Sweden
Finance Watch
Finansförbundet (Financial Sector Union of Sweden)
Finansinspektionen (Financial Supervisory Authority, Sweden)
Finanssiala ry - Finance Finland
GDV - German Insurance Association
Insurance Europe
Klarna Bank AB
Mastercard Europe
Mistral AI
Nordea Bank Abp
OpenAI OpCo, LLC
Rabobank
Salesforce Inc.
Skandinaviska Enskilda Banken AB (publ)
Société Générale
Stripe, Inc.
Svenska Handelsbanken AB
Svensk Försäkring (Insurance Sweden)
Swedish Financial Technology Association
Swedbank AB (publ)
The Alan Turing Institute

Trygg-Hansa

Il-lista ta’ hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b’isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma’ dak l-ipproċessar.